*u għalhekk għalkemm int xjeħt*
*u għalaqt it-tmenin sena,*
*int għadek, Nin, żagħżugħ,*
*bħaż żgħażagħ kollha,*
*u tibqa' żagħżugħ magħhom il għaliex*
*is-snin waqfu għalik;*
*waqfu għalik fil-kelma mfewwħa u rżina*
*tar-Rebbiegħa ta' dejjem,*
*għax tiddi biss ġo fik il-Poeżija*
*li m'Alla bdiet u tibqa'*
*fiż żernieq li ma jafx għajr iż żgħożija.*

V.M. PELLEGRINI

## HI BISS!

*Hi biss li ħasset, meta ftaħt għajnejk*
*għad-dawl ta' din id-dinja, l-ferħ bl-uġigħ*
*ta' l-Ewwel Ħtija u tatek fuq xufftejk*
*bewsa ta' Mħabba li ma ttirx mar-riħ.*

*Hi biss li kienet tifhmek u tkun ħdejk*
*bin-nhar, bil-lejl u tħossok waqt l-irdigħ*
*tixrob il-ħajja u tara fuq ħaddejk*
*l-oħla tal-ħlewwa u l-isbaħ tas-sabiħ.*

*Bil-ħarsa tagħha biss, fil-hemm, fid-dieq,*
*Hi li sabbritek biss; ma' tul is-snin*
*f'ħoġorha rġajt intfajt meta bis-sieq*

*tatek in-nies tad-dinja, u ħadd ħanin*
*ħliefha ma sibt; il-lum li xagħrha blieq*
*u baqgħet tgħix għalik, fost il-bnedmin*

*Hi biss li tagħdrek u tbennek tixtieq,*
*tbennek mill-ġdid, tbennek xi ftit,*
*bħal meta ġol-fisqija int kont għadek tarbija.*

A. CREMONA